MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2011

Avviz Numru. 60/2011

**Malcolm Mifsud (ID 129082M)**

**Vs**

**Dr Mark Busuttil nominat bhala Kuratur Deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Jason Sammut (ID 478074M)**
**u dan skond digriet moghti fit-23 ta' Marzu 2011**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-attur talab sabiex l-intimat fil-kwalita tieghu premessa jghid il-ghaliex ma ghandux ikun ikkundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' €11,269 (hdax-il elf, mitejn, disgha u sittin ewro) rapprezentanti hlas ghall-servizzi professjonali rezi lill-konvenut mill-attur *inter aliea* 'preparation of management accounts' , '2 years projections' u formazzjoni ta' kumpannija.

Bl-ispejjez u l-imghax legali sal-pagament effettiv kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti a fol 2 sa fol 4 u a fol 6.

Rat ir-risposta tal-intimat nomine (a fol 13 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

Illi l-esponenti mhux edott mill-fatti u ghalhekk qed jirrizerva d-dritt li jippresenta risposta maturati fi stadju ulterjuri.

Salv risposta ulterjuri

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-attur, in sostenn ta' dak mitlub minnu, xehed, waqt is-seduta tallum stess, illi hu ghandu jithallas mill-intimat nomine s-somma ta' €11,269 u dan ghal servizzi prefessjonali rezi minnu u dan skond kif risultanti mid-dokumenti hawn fuq imsemmija, u konfermati, ukoll, waqt l-istess xhieda.

Illi, inoltre, dan l-ammont ghandu dovut sallum mill-intimat nomine, li da parti tieghu ma ressaq l-ebda prova sabiex jiggustika l-ghala l-istess ammont ma hux dovut.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-intimat fil-kwalita' tieghu premess sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' €11,269 bl-imghax legali mill-ewwel (1) ta' Marzu 2011 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes tal-prezenti procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------